# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn 12 ta' Mejju, 2025.**

**Numru 1**

**Rikors numru 572/15/1 FDP**

**Marina Ciarlo'**

**vs**

**L-Avukat Dr Simon Micallef Stafrace u l-Prokuratur Legali Peter Sammut appuntati b'digriet tal-1 ta' Lulju 2015 bħala Kuraturi Deputati tal-eredità' ġjaċenti tal-mejjet Joseph Borg**
**u**
**b'digriet tal-21 ta' Lulju 2015 intervjenew fil-kawża Nikolai Borg, Miguel Borg u Sarah Borg, ilkoll tfal ta' Joseph Borg**

1. Din hija sentenza dwar appell imressaq mill-intervenuti fil-kawża Nikolai Borg, Miguel Borg u Sarah Borg u dwar appell imressaq mill-kuraturi deputati tal-eredità ġjaċenti tal-mejjet Joseph Borg, minn

sentenza ta' nhar l-20 ta' Ottubru 2021 mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili permezz ta' liema l-Ewwel Qorti ordnat li l-attriċi tiġi immessa fil-pussess tal-legat li tħalla lilha fit-testment ta' Joseph Borg, senjatament *maisonette* u *lock-up garage* ġewwa s-Swieqi.

**Daħla**

2. L-attriċi, permezz ta' rikors ġuramentat ippreżentat nhar il-11 ta' Ġunju 2015, talbet lill-Ewwel Qorti:

> *"1) Tordna illi r-rikorrenti tiġi immessa fil-pussess tal-legat lilha mħollija permezz tat-testment ta' Joseph Borg datat 21 ta' Novembru 2014 fl atti tan-Nutar Dr. John Gambin, tal-maisonette bin-numru ħdax (11) ġewwa Triq is-Siegħ, Ibraġġ, Swieqi u l-kontenut ta' l-imsemmi maisonette, kif ukoll tal-lock up garage, ilkoll deskritti fit-Tielet Artikolu ta' l-istess testment tal-21 ta' Novembru 2014, għal kull fini u effett tal-Liġi, u tikkundanna konsegwentement lill-intimati sabiex jimmittuha fil-pussess ta' l-istess legat.*
>
> *2) Taħtar għalhekk Nutar Pubbliku sabiex jippubblika l-att pubbliku meħtieġ għall-immissjoni formali tar-rikorrenti fil-pussess tal-legat lilha mħollija kif fuq premess, u okkorrendo, kuraturi sabiex jirrappreżentaw kontumaċi fuq l-imsemmi att pubbliku, u tiffissa finalment jum, ħin u lok għall-pubblikazzjom ta' l-istess att. Bl-ispejjeż kollha kontra l-eredità' tal-mejjet Joseph Borg."*

3. L-attriċi ressqet it-talbiet tagħha abbażi tas-segwenti premessi:

> *"1. Illi fl-24 ta' Diċembru 2014 miet Joseph Borg, skont kif jista' jirriżulta miċ-ċertifikat tal-mewt hawn anness, eżebit u mmarkat bħala Dok. A, liema decuius ħalla testment fl-atti tan-Nutar Dr. John Gambin datat 21 ta' Novembru 2014 li kopja tiegħu qed tigi hawn annessa, eżebita u mmarkata bħala Dok. B.*
>
> *2. Illi wara li saru r-riċerki testamentarji relattivi, kemm fir-Reġistru Pubbliku u kif ukoll fil-Qorti Ċivili - Sezzjoni Ġurisdizzjoni Volontarja (kopji annessi, u mmarkati bħala Dok. C u Dok. D, rispettivament), irriżulta illi t-testment hawn fuq imsemmi kien l-aħħar testment magħmul mid-decuius Joseph Borg, u b'hekk huwa dan it-testment li*

*għandu jirregola s-suċċessjoni ta' missier l-intimati, l-imsemmi Joseph Borg.*

*3. Illi bl-imsemmi testment, appuntu bit-Tielet Artikolu ta' l-istess, id-decuius Joseph Borg ħalla b'titolu ta' legat in piena u assoluta proprjeta' lill-esponenti Marina Ciarlo:-*

*(i) il-maisonette bin-numru ħdax (11) ġewwa Triq is-Siegħ, Ibraġġ, Swieqi, li jinsab fil-pjan terran u li jinkludi l-bitħa ta' wara, sottostanti għall-maisonette di proprjeta' ta' Gary Bartelings jew l-aventi causa tiegħu, u sovrastanti parti minn kumpless ta' garaxxijiet, skont kif aħjar deskritt fl-imsemmi testament, inkluż ukoll il-kontenut ta' l-imsemmi maisonette kif deskritt ukoll fl-istess testment; u*

*(ii) Lock-up garaxx mingħajr numru u mingħajr isem, sitwat ġewwa kumpless garaxxijiet sottostanti għall-maisonette fuq imsemmi kif ukoll sottostanti għal maisonettes oħrajn attigwi, liema kumpless ta' garaxxijiet huwa aċċessibbli minn entratura bla numru ġewwa Triq is-Siegħ, l-Ibraġġ, Swieqi, u liema garaxx huwa t-tielet garaxx mix-xellug kif wieħed jidħol ġol-drive-in mill-imsemmija triq, kif aħjar deskritt fl-imsemmi testament tal-21 ta' Novembru 2014.*

*4. Illi salv il-legat hawn fuq imsemmi u disposizzjonijiet testamentarji oħra, id-decuius Joseph Borg permezz ta' l-Artikolu Ħamsa (5) ta' l-imsemmi testament tiegħu, innomina u istitwixxa bħala eredi universali u padruni assoluti ta' l-assi kollha tiegħu lit-tlett uliedu, ċioe' Nikolai, Miguel u Sarah ilkoll aħwa Borg.*

*Ir-Raġuni għat-Talbiet*

*5. Illi minkejja illi ġew interpellati sabiex jimmettu lill-esponenti fil-pussess tal-legat lilha mħollija kif fuq premess, permezz ta' ittra uffiċjali datata 26 ta' Jannar 2015, debitament notifikata lilhom, l-eredi ulied il-mejjet Joseph Borg, baqgħu ma taw l-ebda risposta lill-esponenti dwar it-talba tagħha għall-immissjoni fil-pussess tal-legat lilha mħollija u kien biss wara iktar minn tliet xhur mill-ispedizzjoni ta' l-ittra uffiċjali, meta l-esponenti reġgħet interpellat lill-eredi permezz ta' ittra legali datata 18 ta' Mejju 2015, li huma infurmawha li huma rrinunzjaw għall-wirt ta' missierhom u żammu ferm id-dritt tagħhom għall-leġittima. Fiċ-ċirkostanzi, l-esponenti, li tħalliet xhur mingħajr ebda risposta għajr għal komunikazzjonijiet xejn xierqa mingħand il-familjari tal-mejjet, ma tistax titħalla titmexxa minn ulied il-mejjet biex tiġi immessa fil-pussess tal-legat lilha mħolli kif fuq premess u għalhekk kellha tipproċedi b'din il-kawża. Kopja legali ta' l-atti ta' l-imsemmija ittra uffiċjali, u kopja ta' l-imsemmija ittra legali, qed jiġu hawn annessi, eżebiti u mmarkati bħala Dok. E u Dok. F, rispettivament.*

*6. Illi dawn il-fatti huma a diretta konoxxenza ta' l-esponenti.*"

4. Il-Kuraturi Deputati Dr Simon Micallef Stafrace u l-PL Peter Sammut, maħtura b'digriet tal-1 ta' Lulju 2015 sabiex jirrappreżentaw l-eredità ġjaċenti tal-mejjet Joseph Borg, irrispondew għal dak mitlub billi qajmu s-segwenti difiża:

> *"Illi l-esponenti m'humiex edotti mill-fatti u għalhekk qegħdin jirriservaw d-dritt li jippreżentaw risposta motivata f'każ u jekk jiġu edotti mill-fatti."*

5. Fil-21 ta' Lulju 2015, Nikolai Borg, Miguel Borg u Sarah Borg ġew awtorizzati jintervjenu *in statu et terminis* bħala parti fil-kawża *ai termini* tal-Artikolu 960 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta u ressqu s-segwenti risposta ġuramentata fit-23 ta' Novembru 2015:

> *"Fatti tal-Każ*
>
> *1. Illi l-eċċipjenti huma ulied id-defunt Joseph Borg u bit-testment illi jirregola s-suċċessjoni tiegħu huwa nnomina u appunta bħala eredi uniċi u universali u suċċessuri tal-eredità' tiegħu lill-eċċipjenti;*
>
> *2. Illi l-eċċipjenti kollha, tramite tliet noti ġuramentati ppreżentati fir-Reġistru tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni Ġurisdizzjoni Volontarja) rrinunzjaw għall-eredità' ta' missierhom Joseph Borg filwaqt li żammu ferm il-jedd tagħhom għas-sehem riservat tal-beni, illi skont id-disposizzjonijiet tal-Artikoli 614 sa 653 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta jmiss lilhom. Tali dikjarazzjonijiet ta' rinunzja ġew debitament reġistrati fir-Reġistru Pubbliku ta' Malta billi ġew transuntati fi tliet atti pubbliċi lkoll ippubblikati fl-erbatax (14) ta' Mejju tas-sena 2015 minn Nutar Dr Nicholas Vella (Dok. NB1, Dok. NB2, Dok. NB3);*
>
> *3. Illi sussegvventement għal tali rinunzji r-rikorrenti ppreżentaw rikors fil-Qorti Ċivili (Sezzjoni Ġurisdizzjoni Volontaija) f'liema talbu lill-Qorti sabiex fost oħrajn 'taħtar kuratur/i deputat/i sabiex jamministra/w l-assi u l-beni li hemm fil-wirt ta' Joseph Borg ai termini tal-Artikolu 904 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta';*

*4. Illi l-eċċipjenti tramite ittra legali nfurmaw lill-attriċi bl-eżistenza ta' tali rikors qabel, ma ġiet intavolata l-kawża odjerna, għal-liema ittra legali l-attriċi rrispondiet, pero sakemm pruvaw jinnotifikaw mill-ġdid lill-attriċi b'tali rikors, stante li l-ewwel riferta ġiet lura fin-negattiv, l-istess attriċi intavolat il-proċeduri odjerni;*

*5. Illi l-attriċi ppreżentat risposta fil-Qorti Ċivili (Sezzjoni Ġurisdizzjoni Volontarja) f'liema irrilevat illi r-rinunzji għall-wirt magħmula mill-eċċipjenti ma għandhom l-ebda effett fil-Liġi billi fil-fehma tal-istess attriċi l-eċċipjenti għamlu atti di erede u li f'kull każ ir-rinunzji kienu fuori termine.*

*6. Illi sussegwentement il-Qorti Ċivili (Sezzjoni Ġurisdizzjoni Volontarja) tat digriet entro liema astjeniet milli tieħu konjizzjoni tar-rikors preżentat mill-eċċipjenti u dan billi skont l-istess Qorti 't-talbiet odjerni dedotti għandhom jiġu dedotti quddiem il-Qorti kompetenti stante l-materja sollevata u l-kontestazzjoni tal-legatarja ... u b'hekk il-Qorti Ċivili (Sezzjoni Ġurisdizzjoni Volontarja) anqas biss ma appuntat kuratur deputat sabiex jirrappreżenta l-wirt battal ta' Joseph Borg;*

*7. Illi fil-konfront tat-tielet premessa tar-rikors ġuramentat tal-attriċi jiġi eċċepit illi l-legat imħolli lill-attriċi ġie mħolli lill-istess attriċi in kwittanza assoluta u bħalha tpaċija ta' ammonti lilha dovuti mill-istess testatur kemm fid-data tat-testment kif ukoll kwalsiasi djun illi jistgħu jkunu dovuti fil-futur;*

*8. Illi fil-konfront tar-raba' premessa tar-rikors ġuramentat l-eċċipjenti jissottomettu illi fit-testment tad-defunt missierhom Joseph Borg apparti illi ġew nominati u appuntati bħalha eredi uniċi u universali u suċċessuri tal-eredità' tiegħu, it-testatur ħalla wkoll b'titolu ta' pre legat fi kwoti ugwali bejniethom, in piena u assoluta proprjeta' lill istess eċċipjenti, is-segwenti:*

*(i) il-flejjes tiegħu kollha, depożitati f'banek f'ismu personali u l investimenti finanzjarji tiegħu kollha;*

*(ii) u l-ishma u l-interessi kollha illi għandu fil-kumpanija Visco Enterprises Limited; u*

*Inoltre ġew imħollija s-segwenti pre-legati lill-eċċipjenti:*

*(i) l-għamara mmarkata zero zero wieħed (001) u zero zero tlieta (003) lill-eċċipjenti Miguel Borg;*

*(ii) l-għamara mmarkata zero zero tnejn (002) u zero zero erbgħa (004) lill-eċċipjenti Nikolai Borg; u*

*(iii) l-għamara mmarkata zero ħamsa ħamsa (055) u zero ħamsa disgħa (059) lill-eċċipjenti Sarah Borg*

*liema għamara ġiet immarkata bin-numri fuq indikati f'dokument A anness mat-testment tad-defunt;*

*Eċċezzjonijiet*

*1. Illi, preliminarjament u mingħajr preġudizzju għall-eċċezzjonijiet sussegwenti, jigi eċċepit illi teżisti kontradittorjetà, netta bejn ir-rikors ġuramentat u atti oħra preżentati mill-attriċi kemm quddiem din l Onorabbli Qorti u kif ukoll quddiem il-Qorti Ċivili (Sezzjoni Ġurisdizzjoni Volontarja). Minn lat l-attriċi ntavolat il-proċeduri odjerni kontra kuraturi deputati sabiex jirrappreżentaw il-wirt battal tad-defunt u mil-lat l-ieħor l-attriċi f'risposta għal rikors preżentata fl atti tal-proċeduri odjerni u f'risposta preżentata fil-Qorti Ċivili (Sezzjoni Ġurisdizzjoni Volontarja) allegat illi r-rinunzji magħmula mill-eċċipjenti m'għandhom l-ebda effett fil-liġi. Tali allegazzjoni tfisser illi l-attriċi hi tal-fehma li l-eċċipjenti għadhom il-werrieta tad defunt u li konsegwentement il-wirt ma jistax jigi klassifikat bħala battal. Tali kontradittorjetà' għandha twassal għan-nullita' tal proċeduri odjerni.*

*2. Illi, preliminarjament u mingħajr preġudizzju għall-eċċezzjoni preċedenti u dawk sussegwenti, l-proċedura odjerna hija irrita u nulla stante illi f'każijiet ta' wirt battal hemm proċedura speċifika li trid tiġi segwita li timponi illi jsir rikors quddiem il-Qorti ta' ġurisdizzjoni volontarja (vide Artiklu 512 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta) sabiex jiġi maħtur kuratur għal wirt battal, liema talba tista' ssir minn kull min għandu interess (vide Artiklu 903 Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta) u li tali kuratur m'għandu, qabel xejn, jagħmel l-inventarju ta' dak il-wirt'. Fil-kawża odjerna l-attriċi naqset milli tagħmel dan.*

*3. Illi, mingħajr preġudizzju għall-eċċezzjonijiet preċedenti u dawk sussegwenti, t-talbiet attriċi ma jistgħux jiġu akkolti stante illi l-jedd tal-eċċipjenti illi jieħdu s-sehem riservat lilhom spettanti skont il-liġi għandu preċedenza fuq kwalunkwe legat, tant li l-liġi stess tiddisponi li legati u donazzjonijiet għandhom jitnaqqsu sabiex jiġi sodisfatt is sehem riservat (vide Artiklu 647 tal- Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta). Illi hekk kif ser jirriżulta mill-provi minħabba l-legat imħolli lill attriċi, is-sehem riservat spettanti lill-eċċipjenti ma jistax jiġi sodisfatt u għaldaqstant tali legat għandu jitnaqqas pro rata hekk kif jipprovdi l-Artikolu 651 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta jew alternattivament l-attriċi ser tkun kostretta tħallas lill-eċċipjenti ammont rappreżentanti tali sehem riservat . Illi għaldaqstant f'każ li tiġi akkolta t-talba attriċi ser jiġi preġudikat b'mod irrimedjabbli s sehem riservat spettanti lill-eċċipjenti.*

*4. Illi f'każ li t-talbiet attriċi jiġu akkolti u l-istess attriċi tiġi immessa fil pussess tal-legat lilha mħolli, mingħajr ma qabel isir l-eżerċizzju sabiex jiġi stabbilit jekk is-sehem riservat spettanti lill-eċċipjenti*

*huwiex ser jiġi leż b'tali immissjoni, id-drittijiet tal-eċċipjenti ser ikunu preġudikati irrimedjabbilment.*

*5. Illi l-attriċi talbet illi tiġi immessa fil-pussess tal-maisonette u tal kontenut tal-imsemmi maisonette u tal-lock up garage. Jiġi eċċepit illi mil-legat imħolli lill-attriċi ġew esklużi numru ta' affarijiet elenkati fl Artikolu 3 ta' l-istess testment, senjatament l-għamara imħollija bi pre-legat lill-eċċipjenti u kif ukoll flejjes, documents of title to money, metall prezzjuż, artikoli, ġebel u oġġetti li ma jappartjenux lid-defunt jew li jinsabu fil-maisonette u garage aċċidentalment. Illi għaldaqstant it-talba attriċi ma tista' qatt tintlaqa' fl-interita' tagħha stante illi l attriċi ma ġietx imħollija b'legat il-kontenut kollu tal-maisonette u tal lock up garage.*

*6. Illi t-talbiet tal-attriċi huma infondati fil-fatt u fid-dritt u għaldaqstant għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż.*

*7. Illi l-esponenti jafu b'dawn il-fatti personalment."*

6. L-Ewwel Qorti waslet għas-segwenti deċiżjoni:

"***Tilqa'*** *l-ħames eċċezzjoni tal-intervenuti fil-kawża filwaqt illi:*

***Tiċħad*** *l-eċċezzjonijiet kollha l-oħra tal-intervenuti fil-kawża u;*

***Tiċħad*** *l-eċċezzjonijiet kollha tal-Kuraturi Deputati, u għalhekk;*

***Tilqa'*** *t-talbiet tar-rikorrenti, u għalhekk;*

***Tordna*** *illi r-rikorrenti Marina Ciarlo' tiġi immessa fil-pussess tal-legat lilha mħollija permezz tat-testment ta' Joseph Borg datat 21 ta' Novembru 2014 fl-atti tan-Nutar Dr. John Gambin, tal-maisonette bin-numru ħdax (11) ġewwa Triq is-Siegħ, Ibraġġ, Swieqi u l kontenut ta' l-imsemmi maisonette, kif ukoll tal-lock up garage, ilkoll deskritti fit-Tielet Artikolu ta' l-istess testment tal-21 ta' Novembru 2014, għal kull fini u effett tal-Liġi, u tikkundanna konsegwentement lill-intimati sabiex jimmittuha fil-pussess ta' l-istess legat.*

***Tiddikjara*** *illi l-affarijiet indikati bħala "money, documents of title to money, precious metals, articles and stones, things that do not belong to the testator or that are only accidentally to be found in the said maisonette and garage" fit-Tielet Artikolu tat-testment fuq imsemmi kif ukoll l-affarijiet kollha indikati fir-Raba' Artikolu tat-testment ma għandhomx jitqiesu bħala propjeta li qed tiġi trasferita lir-rikorrenti bl-att pubbliku illi ser jiġi pubblikat;*

***Taħtar*** *lin-Nutar Robert John Muscat sabiex jippubblika l-att pubbliku meħtieġ għall immissjoni formali tar-rikorrenti fil-pussess tal-legat lilha mħollija kif fuq premess u sabiex jagħmel dawk l-atti kollha li huma*

*neċessarji, inċidentali, anċillari u / jew konsegwenzjali għal dan il-għan;*

***Tordna** illi l-att pubbliku meħtieġ għall-immissjoni formali tar-rikorrenti fil-pussess tal legat lilha mħollija kif fuq premess għandu jsir sa mhux aktar tard minn tlett xhur mid data tas-sentenza, liema att pubbliku għandu jsir ġewwa l-uffiċini tan-Nutar Robert John Muscat jew post ieħor illi jidhirlu opportun in-Nutar Robert John Muscat.*

***Tordna** lill-Kuraturi Deputati biex jidhru fid-data ħin u lok stabbilit minn-Nutar Pubbliku fuq imsemmi, sabiex il-kuntratt finali jiġi pubblikat.*

***L-ispejjeż** tal-proċeduri odjerni għandhom ikunu kollha a kariku tal-intervenuti fil-kawża."*

7. L-intervenuti fil-kawża Nikolai Borg, Miguel Borg u Sarah Borg ressqu appell nhar is-17 ta' Novembru 2021. Daħlet risposta tal-attriċi Marina Ciarlo' nhar it-28 ta' Jannar 2022. Tressaq ukoll appell mill-kuraturi deputati tal-eredità ġjaċenti tal-mejjet Joseph Borg nhar id-19 ta' Novembru 2021, fejn l-attriċi Marina Ciarlo' wieġbet nhar il-15 ta' Marzu 2023.

## Fatti u Provi

8. Kif ikkonstatat l-Ewwel Qorti:

*"33. Jirriżulta illi, permezz ta' testment datat 21 ta' Novembru 2014, il-mejjet Joseph Borg, missier l-intervenuti fil-kawża Nikolai, Miguel u Sarah aħwa Borg, kien esprima s-segwenti xewqa li ġiet iskritta u redatta fl-aħħar testment tiegħu qabel ma eventwalment miet fl-24 ta' Diċembru 2014:*

> "***The testator bequeathes unto his companion Marina Ciarlo by title of legacy in full and absolute ownership the following immovable property which he purchased in virtue of a deed in my Records of the first day of March of the year two thousand and thirteen (1.3.2013) namely: (i) The maisonette at elevated groundfloor level, numbered eleven (11), in Triq is-Siegħ, l-***

> ***Ibraġġ, Swieqi; and, (ii) The lock-up garage without number and without name, situated in a garage complex underlying the said maisonette and underlying other adjoining maisonettes, which garage complex is accessible from an unnumbered entrance in Triq is-Siegħ, l-Ibraġġ, Swieqi;*** *being the third garage on the left as one enters the drive-in from the said street; which garage is shown bounded in red on the garage complex plan annexed to the deed of acquisition herein indicated; which maisonette and garage form part of a complex of buildings comprising six (6) maisonettes and thirteen (13) garages constructed upon plot number one (1) of the lands known as 'Ta' Aquavita'; and, (iii) the contents of the said maisonette and garage from the threshold inwards ('a limine intus'), excluding money, documents of title to money, precious metals, articles and stones, things that do not belong to the testator or that are only accidentally to be found in the said maisonette and garage; and excluding the items referred to hereunder in Article Four of this Will which items are being specifically bequeathed by the testator in favour of his children;*
>
> ***This legacy is being bequeathed by the testator to the legatee in full settlement and by way of set-off in full of any debts due by him to her both as existing at present and that may exist in the future;***
>
> *The testator recommends that the legatee eventually bequeathes on her demise this same immovable property, including the moveables therein bequeathed to her in virtue of this article, to the children of the testator or (should the said property have been transferred by her during her life-time to third parties) then the remaining proceeds of sale which are still in her possession on the date of her demise;*
>
> *The testator declares that the said legatee has plenty of her personal possessions in the said maisonette;"*

*34. Jirriżulta illi Joseph Borg miet fl-24 ta' Diċembru 2014.*

*35. Jirriżulta illi t-testment tal-21 ta' Novembru 2014 ma ġiex ikkontestat u ma ttieħdu ebda proċeduri sabiex il-validità tiegħu tiġi annullata u għalhekk għandu jitqies bħala validu għal kull effett fil-Liġi.*

*36. Jirriżulta illi permezz ta' Ittra Uffiċjali datata 26 ta' Jannar 2015, ir-rikorrenti interpellat lill-intervenuti fil-kawża, lkoll, dak iż-żmien, eredi universali ta' Joseph Borg, sabiex jersqu għall-pubblikazzjoni tal-att notarili fejn formalment jimmettu lir-rikorrenti fil-pussess tal-legat illi l-mejjet Joseph Borg kien ħallielha, ossija l-maisonette bl-oġġetti ġewwa fiha għajr għal dak minnu eskluż u l-garage sottostanti, kif aħjar deskritti aktar 'il fuq.*

*37. Jirriżulta illi l-eredi tal-mejjet Joseph Borg, ossija l-intervenuti fil-kawża, ossija Nikolai Borg, Miguel Borg u Sarah Borg, flok ma' pproċedew kif rikjest mir-rikorrenti, permezz ta' tlett noti separati ppreżentati quddiem il-Qorti Ċivili (Sezzjoni Ġurisdizzjoni Volontarja), fil-21 ta' April 2015, irrinunzjaw għall-eredità' ta' missierhom Joseph Borg filwaqt illi żammew il-jedd tagħhom għas-sehem riservat tal-beni*

*skont l-Artikoli 614 sa 653 tal-Kap 16.*

*38. Jirriżulta illi eventwalment, fil-11 ta' Ġunju 2015, ir-rikorrenti ipproċediet kontra l-eredità' ġiaċenti tal-mejjet Joseph Borg, sabiex l-att notarili ta' immissjoni fil-pussess iseħħ."*

**Konsiderazzjonijiet Legali**

***Appell tal-Intervenuti fil-Kawża***

9. L-intervenuti fil-kawża, permezz tal-appell tagħhom, jilmentaw li l-Ewwel Qorti kienet żbaljata fl-interpretazzjoni tagħha ta' varji liġijiet relatati ma' din il-kawża, fosthom id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 903 *et seq* tal-Kap 16, l-Artikolu 512 tal-Kap 12 u kif ukoll dwar id-dispożizzjonijiet tal-liġi li jirrigwardaw is-sehem riservat u l-parti disponibbli u r-riduzzjoni ta' donazzjonijiet u legati *ossia* l-Artikoli 614 (2), 615 (2), 616, 647, 648, 651 u 652 *et seq*. *Inoltre* l-Ewwel Qorti għamlet apprezzament żbaljat tal-fatti. Dan kollu jidher ċar mill-konklużjonijiet tal-Ewwel Qorti liema konklużjonijiet l-istess Qorti qasmithom fi tlieta taħt l-intestaturi 'Kontradittorjetà fil-proċeduri', 'Ħatra ta' Kuraturi hija nulla', u 'Dritt ta' sehem riservat jieħu preċedenza fuq Legat'.

10. **L-ewwel aggravju** jirrelata mas-segwenti konsiderazzjonijiet magħmula mill-Ewwel Qorti:

*"40. Jirriżulta illi, fl-ewwel eċċezzjoni preliminari, l-intervenuti fil-kawża saħqu illi l-proċeduri odjerni kellhom jitqiesu bħala nulli għax, filwaqt li fil-proċeduri odjerni, r-rikorrenti ppročediet kontra Kuraturi Deputati għax l-eredità' huwa battal, fil-proċeduri quddiem il-Qorti Ċivili,*

> *Sezzjoni Volontarja, mnedija mill-intervenuti fil-kawża, hija insistiet illi l-intervenuti fil-kawża ma kinux rrinunzjaw mill-wirt.*
>
> *41. Il-Qorti tirrileva illi dwar x'ġara fi proċeduri oħra, li ma humiex quddiem dina l-Qorti, u x'difiżi w argumentazzjonijiet tressqu quddiem dawk il-proċeduri, dawna ma għandhom ebda relevanza għall-proċeduri odjerni, illi huma distinti w separati.*
>
> *42. Għalhekk, l-ewwel eċċezzjoni preliminari ta' nullita' ta' proċeduri abbażi ta' kontradittorjetà' ma tistax tiġi kkunsidrata favorevolment."*

11. L-intervenuti jilmentaw, taħt l-intestatura *Kontradittorjetà fil-Proċeduri,* li permezz tal-ewwel eċċezzjoni l-appellanti sostnew illi kien hemm kontradittorjetà netta bejn il-pożizzjoni li ħadet l-attriċi appellata fir-rikors ġuramentat fil-kawża odjerna u bejn atti ġudizzjarji oħra intavolati mill-istess attriċi. Fil-kawża odjerna l-attriċi appellata għoġobha tieħu l-pożizzjoni li l-wirt ta' Joseph Borg huwa wieħed battal u għalhekk intavolat il-proċeduri kontra kuraturi deputati sabiex jirrappreżentaw l-istess wirt battal, mentri fil-proċeduri inizjati mill-appellanti quddiem il-Qorti Ċivili Sezzjoni Ġurisdizzjoni Volontarja sabiex jirrinunzjaw għall-eredità ta Joseph Borg, l-attriċi ttantat tistultifika dawk il-proċeduri billi sostniet li r-rinunzja għall-eredità ta' Joseph Borg, missier l-intervenuti, ma kinitx valida u kif ukoll li l-appellanti kienu l-werrieta. Dawn huma żewġ pożizzjonijiet kontradittorji li jeskludu lil xulxin.

12. L-Ewwel Qorti fil-paragrafu 41 tas-sentenza appellata sostniet li l-proċeduri quddiem il-Qorti Ċivili Sezzjoni Ġurisdizzjoni Volontarja ma huma ta' ebda rilevanza għall-proċeduri odjerni *stante* li mhumiex quddiemha u lanqas kienu ta' rilevanza x'difiżi u argumentazzjonijiet

tressqu quddiem dawk il-proċeduri. Dan hu apprezzament żbaljat ta' fatti u tal-liġi.

13. Fl-ewwel lok kopja tal-proċeduri li seħħew quddiem il-Qorti Ċivili sezzjoni Ġurisdizzjoni Volontarja kienu ġew esebiti quddiem l-Ewwel Qorti u għalhekk l-Ewwel Qorti ma setgħet qatt tgħid li mhumiex quddiemha. *Inoltre* l-attriċi appellata kienet ippreżentat att ġudizzjarju fl-atti ta' dawk il-proċeduri fejn ikkonfermat il-pożizzjoni tagħha li sostniet li l-wirt ma kienx battal għaliex skont hi l-appellanti ma setgħux jirrinunzjaw għall-eredità. Din il-pożizzjoni ttieħdet b'att ġudizzjarju, u allura b'mod uffiċjali, qabel ma ġiet intavolata l-kawża odjerna. Huwa pależi li att ġudizzjarju għandu piż probatorju. L-attriċi ma setgħetx tieħu pożizzjoni dijametrikament opposta fil-kawża odjerna meta sostniet li l-wirt huwa battal, u dan meta b'att ġudizzjarju ieħor kienet sostniet mod ieħor. Dan imur kontra l-prinċipju *electa una via non datum recursum ad alteram*. L-attriċi kellha tipprosegwi bil-pożizzjoni tagħha billi tittanta timpunja r-rinunzja tal-appellanti u f'każ li ma tirnexxix u jiġi ddikjarat illi l-eredità kienet ġjaċenti, allura mbagħad setgħet tipproċedi kontra l-wirt battal. Anke l-Qorti ta' Ġurisdizzjoni Volontarja kienet f'mument minnhom iddegretat b'dan il-mod meta sostniet : *"t-talbiet odjerni dedotti għandhom jiġu dedotti quddiem il-Qorti kompetenti stante l-materja sollevata u l-kontestazzjoni tal-legatarja ... u b'hekk il-Qorti Ċivili (Sezzjoni Ġurisdizzjoni Volontarja) anqas biss ma appuntat kuratur deputat sabiex*

*jirrappreżenta l-wirt battal ta' Joseph Borg;"*

14. B'digriet ieħor il-Qorti ta' Ġurisdizzjoni Volontarja ddikjarat il-wirt battal u appuntat kuraturi deputati għall-istess wirt battal. L-attriċi għażlet li ma tressaqx il-proċeduri kontra r-rinunzja msemmija imma mexxiet bil-proċeduri odjerni kontra kuraturi deputati. Madankollu l-attriċi appellata fil-kawża fl-ismijiet 'Nikolai Borg et v. Dr Simon Micallef Stafrace et noe' (Rik. Ġur. 796/2016 RGM) dawret il-ħsieb u f'dik il-kawża reġgħet tenniet il-pożizzjoni tagħha li l-appellanti ma kinux irrinunzjaw għall-wirt. *In vista* ta' dan l-attriċi qatt ma setgħet tressaq din il-kawża meta kienet diġà ħadet pożizzjoni dijametrikament differenti u opposta fejn skont hi l-wirt ma kienx battal u għalhekk il-kawża hija nulla u insostenibbli.

15. **Din il-Qorti tqis li permezz ta' dan l-aggravju l-intervenuti fil-kawża qed jitolbu li din il-Qorti tiddikjara din l-azzjoni nulla kif jidher mill-ewwel eċċezzjoni tagħhom.**

16. Jitqies li l-attriċi kienet innominata bħala legatarja mid-defunt Joseph Borg u għaldaqstant isegwi li kellha kull dritt tressaq azzjoni ta' dan it-tip sabiex tiġi mmessa fil-pussess tal-istess legat imħolli lilha mill-werrieta tal-istess Borg. Tenut kont li l-intervenuti stess ħadu l-pożizzjoni li ma humiex werrieta *stante* li rrinunzjaw għall-wirt in kwistjoni u li sal-mument li tressqet din il-kawża kienu għadhom ma ressqux talba għas-

sehem riservat, din il-Qorti tqis li l-attriċi korrettament ressqet l-azzjoni disponibbli għaliha.

17. Madankollu irrispettivament mill-argumenti mressqa, jitqies li huma limitati dawk iċ-ċirkostanzi fejn azzjoni tista' tiġi ddikjarata bħala nulla, tassew trid tkun seħħet waħda miċ-ċirkostanzi indikati taħt l-Artikolu 789 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta biex verament titqies l-estremità tan-nullità ta' azzjoni:

> *"789.(1) L-eċċezzjoni ta' nullità tal-atti ġudizzjarji tista' tingħata –*
> *(a) jekk in-nullità hija iddikjarata mil-liġi espressament;*
> *(b) jekk l-att jinħareġ minn qorti mhux kompetenti;*
> *(ċ) jekk fl-att ikun hemm vjolazzjoni tal-forma meħtieġa mil-liġi, ukoll jekk mhux taħt piena ta' nullità, kemm-il darba dik il-vjolazzjoni tkun ġiebet, lill-parti li titlob in-nullità, preġudizzju illi ma jistax jissewwa xort'oħra ħlief billi l-att jiġi annullat;*
> *(d) jekk l-att ikun nieqes minn xi partikolarità essenzjali espressament meħtieġa mil-liġi:*
>
> *Iżda dik l-eċċezzjoni ta' nullità kif maħsuba fil-paragrafi(a), (ċ), u (d) ma tkunx tista' tingħata jekk dak in-nuqqas jew vjolazzjoni jkunu jistgħu jissewwew taħt kull dispożizzjoni oħra tal-liġi.*
>
> *(2) L-eċċezzjoni ta' nullità ta' att, taħt is-subartikolu (1)(ċ), ma tistax tingħata, meta l-parti li tagħtiha tkun baqgħat tagħmel jew, għad li tkun taf biha, tkun ħalliet li jibqgħu jsiru atti oħra wara, mingħajr ma teċċepixxi dik in-nullità."*

18. Din il-Qorti ma tqisx li tapplika xi waħda mir-raġunijiet indikati taħt l-istess artikolu.

19. Issa għalkemm jitqies li l-konsistenza tal-argumenti tassoda l-pożizzjoni ta' min ikun qed iressaq talba, fil-każ odjern jitqies li dak li jgħidu l-intervenuti li għamlet l-attriċi kien li f'azzjonijiet separati hi ħadet

il-pożizzjoni li mhuwiex minnu li l-intervenuti rrinunzjaw għall-wirt ta' Joseph Borg. Madankollu din il-Qorti ma tqisx li dan għandu jimpinġi fuq din l-azzjoni għaliex, almenu sa fejn jirriżulta sa issa l-pożizzjoni oġġettiva hi li r-rinunzja għall-eredità hi waħda valida billi għadha mhix dikjarata invalida b'sentenza oħra tal-Qorti u b'hekk l-azzjoni kellha titressaq kontra kuraturi għal wirt battal.

20. B'hekk ma jistax jitqies li l-aggravju tal-intervenuti jista' jġib xi riżultat effettiv għaliex anki kieku stess l-azzjoni kontra l-kuraturi ma kinitx valida, ir-rimedju jkun li l-kuraturi jinħelsu mill-ħarsien tal-ġudizzju u jiġi sostitwit bil-werrieta in rappreżentanza tal-wirt. Għaldaqstant qed jiġi miċħud l-aggravju.

21. Permezz tat-**tieni aggravju** l-appellanti jilmentaw, taħt l-intestatura *Ħatra ta' Kuraturi Hija Nulla.* L-Ewwel Qorti għamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet relevanti:

> *"Ħatra ta' Kuraturi hija nulla*
>
> *43. Jirriżulta illi, fit-tieni eċċezzjoni preliminari, illi l-proċeduri odjerni kellhom jitqiesu bħala nulli u bla effett stante illi l-Kuratur Deputat ma ġiex appuntat a tenur tal-Artikolu 903 et seq illi jirregola l-wirt battal.*
>
> *44. Jirriżulta illi l-Kuraturi Deputati ġew appuntati b'digriet tal-1 ta' Lulju 2015 (fol 22), wara talba tar-rikorrenti sabiex jiġi nominat kuratur deputat beix jirrappreżenta l-eredità' giaċenti tal-mejjet Joseph Borg illi saret fil-11 ta' Ġunju 2015 (fol 25).*
>
> *45. Jirriżulta wkoll, a kull buon fini, illi l-istess Kuraturi Deputati, Dr Simon Micallef Stafrace u l-PL Peter Sammut, ġew ukoll appuntati Kuraturi Deputati permezz ta' digriet tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni*

*Volontarja), datat 29 ta' Ġunju 2016 (fol 450), fuq talba tal-intervenuti fil-kawża, wara illi tali talba kienet ġia ġiet ikkunsidrata u dwarha l-Qorti astjeniet milli tikkunsidra, fl-14 ta' Lulju 2015.*

*46. Jirriżulta illi l-intervenuti fil-kawża jikkontendu illi, qabel ma bdiet il-proċeduri odjerni, r-rikorrenti kellha tipproċedi bil-ħatra tal-Kuraturi Deputati a tenur tal-Artikolu 903 tal-Kap 16 u, kien biss wara illi huwa jagħmel inventarju tal-konsistenza tal-wirt, illi hija setgħet tagħmel il-proċeduri odjerni.*

*47. L-Artikolu 903 tal-Kap 16 jipprovdi dan li ġej:*

> *"Il-wirt, sakemm ma jkunx aċċettat, jitqies battal; u, fuq talba ta' kull min ikollu interess, il-qorti, bla ħsara tad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 886, taħtar kuratur, kif jingħad fil-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili."*

*48. Il-Qorti tosserva illi min imkien fil-Liġi ma jidher ikkontemplat il-proċess travaljat u fit-tul illi l-intervenuti fil-kawża qegħdin jikkontendu illi kellha tiġi adoperata qabel mal-kawża odjerna tinbeda.*

*49. Il-Qorti tirrileva illi ma hemm ebda dubju illi r-rikorrenti titqies bħala parti illi għandha interess, liema interess jidher redatt biċ-ċar fir-rikors promotur.*

*50. Il-Qorti tirrileva wkoll illi ma għandu jkun hemm ebda dubju wkoll illi, bil-proċeduri odjerni, hija wriet l-interess tagħha fl-eredità giaċenti w għalhekk, adoperat il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 903 u talbet sabiex jiġi maħtur Kuratur.*

*51. Il-Qorti tosserva wkoll illi, għalkemm l-intervenuti fil-kawża donnhom qed jallegaw illi, la darba d-digriet tal-1 ta' Lulju 2015 ma jordnax lill-Kuraturi Deputati sabiex jagħmlu l-inventarju, għalhekk tali digriet ma nħariġx a tenur tal-Artikolu 903, il-Qorti tosserva illi l-obbligu tal-inventarju tal-wirt joħroġ ex lege, u l-Qorti ma għandhiex bżonn terġa' tirrepeti, fid-digrieti tagħha, dak illi huwa ċarament stabbilit u ordnat fil-Liġi – ossija illi jagħmlu inventarju tal-wirt.*

*52. Il-Qorti tirrileva illi l-proċeduri stabbiliti fil-Liġi huwa hemm sabiex jassikuraw illi ssir ġustizzja bl-aktar mod effiċjenti u spedit, u għalhekk tali konġenturi legali ivvintati minn persuni legali interessati unikament sabiex itawwlu u jxekklu l-proċeduri fil-Qrati ma jistgħu qatt jiġu kkunsidrati favorevolment mill-Qrati, peress illi huma ta' ħsara u mhux ta' ġid għall-proċess ta' Ġustizzja.*

*53. Il-Liġi kienet tikkontempla dritt lir-rikorrenti illi titlob il-ħatra ta' Kuraturi Deputati, liema Kuraturi Deputati ġew maħtura, mhux darba imma darbtejn!*

*54. L-obbligu tal-Kuraturi Deputati sabiex jagħmlu inventarju tal-assi*

*beda wara l-ewwel digriet tal-1 ta' Lulju 2015 u huwa obbligu fuq l-istess Kuraturi sabiex ikunu f'posizzjoni illi jgħarrfu x'kien hemm fil-wirt battal, u dana sabiex ikunu f'posizzjoni illi jikkunsidraw talbiet illi jistgħu jsiru kontra tali wirt, bħal dak fil-każ odjern tar-rikorrenti.*

*55. Il-Qorti tosserva illi ċertament tali obbligu fuq il-Kuraturi Deputati bl-ebda mod ma seta' qatt iċaħhad lir-rikorrent milli tipproċedi bit-talba tagħha ta' immissjoni fil-pussess qabel ma l-Kuraturi Deputati jagħmlu l-inventarju tagħhom, a differenza ta' dak illi qed jinsistu dwaru l-intervenuti fil-kawża.*

*56. Jekk l-Kuraturi Deputati kienu f'posizzjoni illi jirrediġu tali inventarju jew le hija irrilevanti għall-proċeduri odjerni.*

*57. Għalhekk, it-tieni eċċezzjoni preliminari ma tistqax titqies favorevolment."*

22. L-intervenuti jargumentaw li permezz tat-tieni eċċezzjoni l-appellanti sostnew li kellha tiġi segwita proċedura diversa f'każijiet ta' wirt battal u l-appellata naqset milli timxi mal-Artikolu 903 tal-Kapitolu 16 tal-liġijiet ta' Malta u kif ukoll mal-Artikolu 512 tal-Kap 12 tal-liġijiet ta' Malta, b'tali mod li l-azzjoni tagħha kienet nulla minħabba l-preġudizzju arrekat lill-appellanti minħabba dan in-nuqqas.

23. L-Ewwel Qorti waslet għal konklużjoni xejn ċara dwar l-interpretazzjoni tal-Artikolu 903. Dan in-nuqqas ta' pożizzjoni ċara jirriżulta mill-paragrafi 45 *et seq* tas-sentenza tal-Ewwel Qorti fejn irreferiet għall-kuraturi appuntati f'din il-kawża u li dawn l-istess kuraturi ġew appuntati għall-eredità ġjaċenti mill-Qorti Ċivili sezzjoni Ġurisdizzjoni Volontarja u fil-fehma tal-Ewwel Qorti din l-għaqda ta' talbiet kienet biżżejjed biex issanat in-nuqqas tal-attriċi appellata. Jgħidu li dan hu raġunament żbaljat u l-attriċi ma segwitx id-dettami tal-Artikolu 903 tal-

Kapitolu 16 u 512 tal-Kapitolu 12 u dan arrekka preġudizzju li ma setax jissewwa b'dan il-mod.

24. Fil-paragrafu 48 tas-sentenza appellata, wara li kwotat l-Artikolu 903 tal-Kapitolu 16 l-Ewwel Qorti sostniet li l-liġi ma tiddettax il-proċeduri msemmija li għandhom jiġu segwiti iżda bħal donnu tammetti li l-attriċi kellha ssegwi proċedura oħra. L-Artikolu 512 tal-Kapitolu 12 jikkumplimenta l-Artikolu 903 tal-Kapitolu 16 b'tali mod li min irid jappunta kuratur għal wirt battal irid josserva d-dettami ta' dan l-artikolu u dawk li jsegwu. Dan kollu jindika li l-Ewwel Qorti kienet żbaljata dwar jekk l-attriċi kellhiex jew le ssegwi l-proċeduri stabbiliti. Fil-paragrafu 52 tas-sentenza tal-Ewwel Qorti donnu wriet li għall-finijiet ta' speditezza u effiċjenza l-attriċi appellanti kienet ġustifikata li tieħu ċertu *shortcuts*, dan mhux ġustifikat u jikkawża preġudizzju lill-appellanti.

25. L-Ewwel Qorti skartat ir-raġunament imressaq mill-appellanti. Il-kawża nfetħet mill-attriċi fil-vesti ta' legatarja tad-defunt Joseph Borg kontestwalment mal-ħatra ta' kuraturi deputati, li ġew maħtura mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili permezz ta' digriet tal-1 ta' Lulju 2015; il-bandu ma ġiex notifikat lill-appellanti iżda lin-Nutar John Gambin li kien irrediġa t-testment in kwistjoni. L-eċċezzjoni tirrigwarda l-mod kif l-attriċi intavolat ir-rikors għall-ħatra ta' kuraturi deputati sabiex jirrappreżentaw il-wirt battal tad-*decujus* Joseph Borg. Din mhijiex il-proċedura li kellha ssegwi

l-attriċi għall-ħatra ta' kuraturi deputati b'tali mod li l-azzjoni hija nulla *ai termini* tal-Artikolu 789 (c) u (d) tal-Kapitolu 12. Qabel tintavola l-kawża odjerna l-appellata kellha tagħmel rikors a bażi tal-Artikolu 512 tal-Kap 12 u l-Artikolu 903 tal-Kapitolu 16. Il-wirt battal jew kif inhu magħruf, l-eredità ġjaċenti, huwa regolat b'Artikoli 903 sa 905 tal-Kapitolu 16 u dan meta (i) wirt ma jiġix aċċettat jitqies battal (ii) il-Qorti taħtar kuratur fuq talba ta' min ikollu interess, din hi diċitura ampja fis-sens li kull min ikollu interess fil-wirt, inkluż legatarji, għandu dritt jagħmel tali talba sabiex jiġi maħtur kuratur għall-wirt battal (iii) il-kuratur għandu fl-ewwel lok jagħmel inventarju dwar il-konsistenza tal-wirt (iv) il-kuratur għandu jeżerċita u jmexxi d-drittijiet tal-wirt u kif ukoll iwieġeb għat-talbiet ġudizzjarji li jinġiebu kontra tiegħu: l-appellanti jargumentaw li dan l-aħħar punt jagħmilha ċara li l-attriċi kellha tressaq l-azzjoni kontra l-kuraturi iżda l-attriċi ma resqitx l-azzjoni appożita.

26. Qabel l-attriċi ressqet din l-azzjoni, l-appellanti kienu diġà rrinunzjaw għall-wirt ta' missierhom u huma stess bdew proċedura *ai termini* tal-Artikolu 903 tal-Kapitolu 16 biex jiġu appuntati kuraturi deputati u jiġi mħallas is-sehem riservat u l-attriċi kienet taf b'dan kollu u anke intavolat risposta fil-Qorti Ċivili Sezzjoni Ġurisdizzjoni Volontarja. Il-proċedura *ai termini* tal-Artikolu 903, 904 tal-Kap 16 u 512 tal-Kap 12 hi neċessarja biex tiġi stabbilita x'inhi l-parti disponibbli tal-wirt u l-parti indisponibbli tal-wirt. Dan kollu jorbot l-aggravju li jmiss u li dawn huma

regoli speċjali dwar il-ħatra ta' kuraturi li għandhom jipprevalu għad-dispożizzjonijiet ġenerali u japplikaw għall-ħatra ta' kuraturi iżda l-attriċi għażlet li taqbeż din il-proċedura.

27. L-azzjoni hi nulla abbażi tas-subinċiż (ċ) u (d) tal-Artikolu 789 tal-Kap 12. Il-preġudizzju li qed tikkawża l-attriċi hu li l-attriċi qed tittanta taqbeż il-proċedura fejn jiġi likwidat il-wirt biex jitħallas is-sehem riservat u f'każ li ma jkunx hemm biżżejjed jiġi likwidat l-legat jew jitħallas l-ammont dovut. B'din l-azzjoni l-attriċi qabżet il-proċess kollu. Jekk l-attriċi tiġi mmessa fil-pussess tal-legat qabel ma jkun sar l-eżerċizzju fuq imsemmi:

i. l-appellanti ser jiġu preġudikati għaliex mhux ser ikun hemm biżżejjed assi, il-proprjetà ġewwa Swieqi hi l-unika *asset* sostanzjali, sabiex jiġi sodisfatt is-sehem riservat tal-appellanti *stante* li jekk il-propjetà mertu tal-legat ma tibqax tifforma parti mill-wirt tad-*decujus*, ma tkunx tista' sseħħ ir-riduzzjoni *ai termini* tal-Artikolu 647 tal-Kap 16. Jekk il-proprjetà tingħata lill-attriċi, legalment il-proprjetà ma tibqax parti mill-wirt u għalhekk ebda riduzzjoni ma tkun tista' sseħħ;

ii. l-appellanti ukoll qed jiġu preġudikati *stante* li l-attriċi tista' tagħżel li minflok il-propjetà mogħtija b'legat lilha tiġi mnaqqsa *ossia* mibjugħa *ai termini* tal-Artikolu 651 tal-Kap 16, hija tikkontribwixxi għas-sehem

riservat *ai termini* tal-Artikolu 653 tal-Kap 16; dan irid isir qabel l-immissjoni tal-pussess. Jekk l-immissjoni iseħħ qabel, l-attriċi mhux ser twettaq dan l-obbligu u jekk l-proprjetà mertu tal-legat tgħaddi għand l-attriċi, l-attriċi mhux ser tikkontribwixxi. L-attriċi ser isostni li hemm ordni tal-Qorti sabiex il-proprjetà tgħaddi għandha u għalhekk mhix suġġetta għal riduzzjoni.

28. Min-**naħa l-oħra l-attriċi *qua* appellata targumenta** li ma kellha l-ebda għażla ħlief li tressaq dawn il-proċeduri *stante* li l-wirt spiċċa battal u mhux attakkat. Tirrileva li d-diċitura tal-Artikolu 512 tal-Kapitolu 12 ma tobbligax lil legatarju jagħmel rikors għall-ħatra ta' deputati kuraturi qabel mal-legatarju jittanta l-azzjoni tiegħu. Iżda dak li hu neċessarju huwa li l-ħatra għanda tkun mill-Qorti ta' Ġurisdizzjoni Volontarja *ai termini* tal-Artikolu 512, liema ħatra saret permezz ta' Digriet tal-Qorti ta' Ġurisdizzjoni Volontarja nhar l-1 ta' Lulju 2015. Targumenta li l-liġi anqas titlob li l-ħatra għall-kuraturi ssir mill-legatarju stess u la l-liġi ma speċifikatx il-proċedura, dak li għamlet l-attriċi, ċjoè li tintavola talba għall-ħatra ta' kuraturi kontestwalment mal-azzjoni biex tiġi mmessa fil-legat huwa korrett. Targumenta li s-subinċiż (1) (ċ) u (d) tal-Artikolu 789 tal-Kapitolu 12 ma japplikawx u *in oltre* min jirrikorri għal dan l-artikolu jrid iressaq prova li ser isofri preġudizzju li ma jistax jissewwa sakemm l-att ma jkunx annullat.

29. L-azzjoni tal-attriċi u dik mressqa mill-intervenuti għas-sehem riservat huma żewġ azzjonijiet separati u indipendenti minn xulxin u min għandu dritt għas-sehem riservat, għandu dritt ta' kreditu fuq l-eredità. Targumenta li f'każ li l-azzjoni tal-intervenuti tirnexxi, ser tkun hi stess li trid tagħmel tajjeb għas-sehem riservat tagħhom.

30. L-attriċi *qua* appellata targumenta li hi dejjem ottemprat ruħha ma' dak stipulat fl-Artikolu 903 tal-Kapitolu 16 u mal-Artikolu 512 tal-Kapitolu 12. Tgħid li hi bagħtet ittra uffiċjali f'Jannar 2015 u oħra f'Mejju 2015 u li kien wara din l-ittra li l-intervenuti infurmawha li kienu rrinunzjaw għall-wirt ta' missierhom. Tinsisti li hi ma kellha l-ebda għażla oħra ħlief li tintavola dawn il-proċeduri. L-Artikolu 512 ma jobbligax lil legatarju jagħmel rikors għall-ħatra ta' deputati kuraturi qabel ma jittanta l-azzjoni tiegħu *ai termini* tal-Artikolu 726. Li hu neċessarju hu li l-ħatra tkun mill-Qorti tal-Ġurisdizzjoni Volontarja *ai termini* tal-Artikolu 512, liema ħatra saret permezz ta' Digriet tal-Qorti tal-Ġurisdizzjoni Volontarja fl-1 ta' Lulju 2015. Il-liġi anqas ma tobbliga li għall-validità tal-azzjoni tal-legatarju l-ħatra tal-kuratur sabiex jirrappreżenta l-wirt battal trid tkun inbdiet mil-legatarju nnifsu. Tali talba tista' ssir minn kwalunkwe persuna interessata u fil-fatt tali talba kienet saret ukoll mill-appellanti. Ladarba l-liġi ma speċifikatx il-proċedura kif qed tiġi elenkata mill-appellanti, dak li għamlet l-appellata huwa korrett.

31. Targumenta li l-Artikolu 789 tal-Kapitolu 12 huwa inapplikabbli u li l-appellanti kellhom juru li sofrew preġudizzju u li l-azzjoni mressqa mill-appellanti għall-likwidazzjoni tas-sehem riservat hija differenti minn dik odjerna. Is-sehem riservat huwa dritt ta' kreditu kontra l-eredità u dan skont l-Artikolu 615(2) u l-legatarju għandu dritt ta' propjetà u f'każ ta' suċċess fil-kawża tagħhom, hi l-appellata li trid tagħmel tajjeb minn butha u li l-preġudizzju ser issofrih hi jekk it-talbiet tagħha jiġu miċħuda.

32. **Din il-Qorti sejra twarrab dan l-aggravju wkoll**. Tqis li l-attriċi ma kinitx skorretta meta ressqet dawn il-proċeduri u talbet il-ħatra ta' kuraturi. Tassew l-iskop tal-azzjoni hu sabiex l-attriċi tiġi mmessa fil-pussess u li dan setgħet titolbu biss kontra kuraturi *stante* li l-wirt huwa battal. F'dan l-istadju, meta l-wirt battal hu rappreżentat minn kuraturi, din il-Qorti ma tarax l-iskop li tidħol f'dibattitu ta' kif kellhom jiġu appuntati l-kuraturi speċjalment la dawn ġew appuntati wkoll mill-Qorti ta' Ġurisdizzjoni Volontarja fil-mori tal-kawża stess.

33. *In oltre* jiġi meqjus li l-liġijiet tagħna ma jiddettawx l-ordni ta' kif għandhom jitressqu l-kawżi relatati mas-suċċessjoni minn persuni interessati.

34. L-intervenuti jerġgħu jargumentaw ukoll li l-azzjoni odjerna hija nulla *ai termini* tal-Artikolu 789(c) u (d) tal-Kapitolu 12, u dan għaliex ma

ġietx addottata l-proċedura neċessarja. Kif qieset diġà din il-Qorti, fl-aggravju preċedenti, ma tqisx li seħħet xi waħda miċ-ċirkostanzi taħt is-subinċiż (ċ) u (d) tal-Artikolu 789. *In oltre* huwa l-Artikolu 789 stess li jindika li l-azzjoni tista' tkun salvabbli dejjem fl-interess tal-ekonomija tal-ġudizzju. Din il-Qorti sejra b'hekk tiċħad dan l-aggravju.

35. Permezz tat-**tielet aggravju** l-appellanti jilmentaw rigward l-intestatura *Dritt ta' Sehem Riservat jieħu preċedenza fuq Legat*, li tirrigwarda t-tielet u r-raba' eċċezzjoni tal-appellanti. Jargumentaw li l-Ewwel Qorti għamlet apprezzament żbaljat tal-fatti, interpretazzjoni żbaljata tal-liġi applikabbli għas-sehem riservat u l-leġittima u għamlet assunzjoni żbaljata meta sostniet li d-dritt ta' legatarju huwa dritt ta' proprjetà li għandu jieħu preċedenza fuq id-dritt ta' min għandu jedd għas-sehem riservat *stante* li dan tal-aħħar huwa dritt ta' kreditu.

36. L-apprezzament żbaljat tal-fatti huwa pależi fil-paragrafu 6 meta l-Ewwel Qorti sostniet li sabiex iġġib kollox fil-perspettiva tajba, il-kawża li kellha quddiemha kienet unikament kawża ta' immissjoni fil-pussess u mhux kawża biex tistabbilixxi s-sehem riservat. L-appellanti sostnew li l-Qorti ma setgħetx tiddeċiedi l-kawża odjerna qabel ma tiġi deċiża l-kawża tal-appellanti għas-sehem riservat. L-appellanti ressqu żewġ rikorsi fejn ġiet mitluba s-soprasessjoni tal-kawża odjerna sakemm tiġi deċiża l-kawża dwar is-sehem riservat, liema rikorsi ġew miċħuda. Anke t-talba

tal-kuraturi sabiex issir soprasessjoni sakemm isir l-inventarju ġiet miċħuda. Min-naħa l-oħra l-Ewwel Qorti ddegratat li l-provi fil-kawża tas-sehem riservat kellhom jifformaw parti mill-provi fil-kawża odjerna. Dan ġie kkonfermat fis-sentenza tal-Ewwel Qorti. La kien hemm dan id-digriet l-Ewwel Qorti setgħet u messha għamlet evalwazzjoni meħtieġa sabiex tara jekk is-sehem disponibbli nqabiżx u b'hekk ġiex leż is-sehem riservat u la darba l-provi fil-kawża l-oħra għadhom mhux konklużi iżda *ai termini* tad-digriet kellhom jiffurmaw parti mill-kawża odjerna, din il-Qorti ma setgħet qatt għaddiet għas-sentenza.

37. Jargumentaw illi l-Ewwel Qorti marret kontra li tgħid il-liġi u għażlet li, mingħajr ebda bażi legali, tipproteġi d-drittijiet tal-attriċi u dan meta l-liġi stess tindika kif il-legati għandhom jiġu mnaqqsa f'każ li l-ġid jibqa' dak li t-testatur seta' jiddisponi minnu.

38. Jispjegaw li permezz tat-tielet eċċezzjoni huma eċċepew li l-jedd tal-appellanti għas-sehem riservat jippreċedi fuq kwalunkwe legat u li kif jirriżulta mill-provi, l-uniċi beni b'valur tal-mejjet kienu l-fondi mertu tal-legat u għalhekk ma hemmx assi sabiex jiġi sodisfatt is-sehem riservat u per konsegwenza l-legat għandu jitnaqqas jew l-attriċi tkun kostretta tħallas flejjes sabiex jiġi sodisfatt. Permezz tar-raba' eċċezzjoni eċċepew illi d-drittijiet tagħhom għas-sehem riservat ser jiġu leżi jekk tintlaqa t-talba attriċi u ssir l-immissjoni fil-pussess qabel ma jiġi llikwidat is-sehem

riservat.

39. Jirreferu għall-Artikolu 512 tal-Kapitolu 12 u l-Artikoli 903 u 904 tal-Kapitolu 16 li jittrattaw ir-rikors appożitu tal-wirt battal, u r-responsabbiltajiet tal-kuratur. Jirreferu għall-Artikolu 614(2) u 615(2) u 616 tal-Kapitolu 16 li jittrattaw dawk il-partijiet disponibbli u mhux tal-wirt, id-drittijiet tal-armel jew armla tal-mejjet u wliedu għas-sehem riservat u li hu dritt ta' kreditu u kif għandu jiġi kkalkulat. Jirreferu wkoll għall-Artikolu 647, 648, 651 u 652 tal-Kapitolu 16. Dawn jitrattaw speċifikament fejn il-mejjet ikun qabeż is-sehem disponibbli u kif għandu jsir it-tnaqqis mil-legat.

40. Jisħqu li skont l-Artikolu 616 tal-Kapitolu 16, is-sehem riservat huwa dritt sagrosant u huwa terz mill-beni. Jisħqu li dan id-dritt hu kristallizzat u ssir distinzjoni netta bejn dak li t-testatur jista' jiddisponi minnu jew le. Il-kwota trid tiġi rispettata u l-leġislatur ħaseb ukoll f'mekkaniżmi kif legati għandhom jitnaqqsu sabiex dejjem jiġi sodisfatt is-sehem riservat.

41. Jargumentaw li l-Ewwel Qorti kienet konxja tal-kawża mressqa minnhom, mressqa wara d-digriet finali għall-appuntament tal-ħatra tal-kuraturi. Għamlu żewġ talbiet fil-mori ta' din il-kawża għas-soprasessjoni li ġew miċħuda. L-attriċi interveniet *in statu et terminis* fil-kawża mressqa

minnhom. Jargumentaw li fil-wirt tal-mejjet ma hemmx assi biex jiġi sodisfatt is-sehem riservat tal-appellanti.

42. Jagħtu rendikont tal-assi u tad-djun fil-patrimonju tad-*decuius*. Jargumentaw li l-legati ma jiddaħħlux lura għaliex in effetti jkunu għadhom ma ngħatawx però jekk il-valur tagħhom jaqbeż il-parti disponibbli, allura dawn għandhom jitnaqqsu *ai termini* tal-liġi. Issir referenza wkoll għall-Artikolu 651 tal-Kapitolu 12 li jipprovdi li fejn ikun inqabeż is-sehem riservat, wara li jinqata' l-valur tad-donazzjonijiet, it-tnaqqis isir *pro rata,* mingħajr ebda għażla bejn werrieta u legatarji.

43. **L-attriċi wieġbet** li huwa prinċipju assodat li l-Qorti tal-appell ma tiddisturbax l-apprezzament tal-provi u d-diskrezzjoni tal-Ewwel Qorti u ma jeżistux ir-rekwiżiti sabiex jiġu ddisturbati l-provi. Targumenta li l-appellanti qed jittantaw iwasslu lill-Qorti sabiex tippronunzja ruħha fir-rigward tas-sehem riservat. L-appellanti diġà ttantaw li l-Ewwel Qorti tissoprasjedi milli tkompli tieħu konjizzjoni ta' dawn il-proċeduri għal darbtejn, madankollu l-Ewwel Qorti ċaħdet it-talba tal-appellanti.

44. L-Ewwel Qorti għamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet relevanti:

> *"58. Jirriżulta illi, fil-meritu, l-intervenuti fil-kawża oġġezzjonaw għat-talba tal-immissjoni fil-pussess, stante illi saħqu illi qabel ma jiġi stabbilit x'kien hemm fl-assi tal-mejjet Joseph Borg u jiġi eventwalment stabbilit x'inhu s-sehem riservat li għandhom dritt għalih l-intervenuti fil-kawża, r-rikorrenti ma tistax tingħata l-legat stabbilit, peress illi hemm il-possibbilta' li, la darba jingħata tali legat lir-rikorrent qabel ma jiġi kalkolat s-sehem riservat, fl-eredità' giaċenti ma jkunx*

*għad fadal biżżejjed assi sabiex jagħmlu tajjeb għas-sehem dovut lilhom.*

*59. Jirriżulta wkoll illi l-intervjenuti fil-kawża joġġezzjonaw għall-immissjoni fil-pussess anke In vista tal-fatt illi hemm varji oġġetti fil-maisonette, fejn ir-rikorrent kienet tgħix flimkien ma' missierhom, liema oġġetti ġew assenjati lilhom u għalhekk huwa tagħhom.*

*60. Jirriżulta illi, mill-banda l-oħra, ir-rikorrenti tikkontendi illi, filwaqt illi huwa minnu illi fil-fond meritu tal-kawża odjerna, hemm oġġetti illi ġew assenjati lill-intervjenuti fil-kawża, liema oġġetti hija ma hijiex qiegħda titlob illi jingħaddew lilha, hija tinsisti li l-assenjazzjoni ta' legat hija indipendenti mill-jedd ta' min qiegħed jiret il-porzjon riservat, peress illi, filwaqt li legatarju għandu dritt ta' propjeta, il-werriet ta' porzjon riservata għandu dritt ta' kreditu kontra l-eredità.*

*61. Il-Qorti tibda billi tirrileva illi l-proċeduri odjerni huma biss ta' immissjoni fil-pussess ta' legat mogħti lir-rikorrenti, w dina l-Qorti imkien ma qatt ġiet mitluba sabiex tikkunsidra x'inhu s-sehem riservat tal-intervenuti fil-kawża mill-wirt ta' missierhom. Dana qiegħed jingħad sabiex tingħata l-perspettiva meħtieġa għal tali eċċezzjoni w il-validita' o meno ta' tali eċċezzjoni fir-rigward tat-talba li qiegħda tikkunsidra dina l-Qorti.*

*62. Dwar is-sehem riservat, li huwa prinċipju illi ddaħħal fil-Kodiċi Ċivili nostrana fis-sena 2004 flok il-prinċipju tal-leġittima, il-Qorti tagħmel referenza għall-veduti espressi mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili, per Imħallef Zammit McKeon fil-kawża 'Carmel Grima et vs Saviour Grima et' fejn il-Qorti għamlet is-segwenti eżami għar-rigward tal-kunċett ta' 'sehem riservat'.*

*Il-liġi tagħna taqsam il-ġid tad-decujus fi tnejn: dik il-parti li hija disponibbli u l-parti l-oħra li mhijiex. Il-parti mhux disponibbli tiġi matematikament kalkolata a bażi tal-Art 616 et seq tal-Kap 16 (ara "Cutajar vs Cutajar" – PA/DS – 3 ta` Ottubru 2003). Għalhekk l-ewwel ħaġa li trid issir hija li jkun aċċertat jekk bid-dispożizzjoni ta` legat, id-decujus ikunx eċċeda jew mar oltre l-parti disponibbli tal-patrimonju tiegħu. (ara "Wismayer vs Wismayer" – Prim`Awla tal-Qorti Ċivili – 22 ta` Mejju 1950).*

*Skont l-Art 648 tal-Kap 16, sabiex tinħadem il-leġittima (illum sehem riservat ) iridu jiżdiedu mal-assi eżistenti fil-mument tal-mewt id-donazzjonijiet li jkunu saru mit-testatur.*

*Il-Qorti tagħmel riferenza għan-noti tal-Prof. V. Caruana Galizia dwar is-Suċċessjoni paġ. 1021 fejn jgħid hekk :-*

> *"Such addition is necessary because the portion of the deceased`s property was saved by law in favour of certain persons cannot be diminished by any disposition under a*

*gratuitous title. The 'legitima portio' is computed on the whole estate of the deceased, viz on the property which would have existed at the time of his death had he made no donations. The said addition is a fictitious one, a mere calculation which however may necessitate an actual addition for the purpose of the abatement, if it results that the donations made by the deceased exceed the disposable portion. Subject to addition is any property given on donation to any person whatsoever, including those to whom the legitima portio is due ... even if the testator has exempted any of the said persons from imputing the property received on donation to their rights. Equally immaterial is the cause of the donation, consequently to the deceased`s estate are added not only those made purely `animo donandi` but also those made in remuneration for services, or out of gratitude ..."*

*Wara li daħal fis-seħħ l-Att XV tal-2012, l-Art 615 tal-Kap 16 ġie jaqra hekk :-*

*"(1) Is-sehem rżervat huwa l-jedd fuq il-beni tal-mejjet riservat mil-ligi favur id-dixxendenti tal-mejjet u min mill-mara jew ir-raġel jibqa` ħaj.*

*(2) L-imsemmi jedd huwa kreditu tal-valur tas-sehem riservat kontra l-beni tal-mejjet. Mgħaxijiet bir-rata stabbilita fl-Artikolu 1139 għandhom jiġu miżjuda ma` dak il-kreditu mid-data tal-ftuħ tas-suċċessjoni jekk is-sehem riservat jintalab fi żmien sentejn minn dik id-data, jew mid-data tan-notifika ta` att ġudizzjarju jekk it-talba ssir wara li jkun għadda dak il-perjodu ta` sentejn :*

*Izda l-Qorti tista`, fejn iċ-ċirkostanzi tal-każ hekk jeħtieġu, tiddeċiedi li ma jingħatax imgħax jew tistabbilixxi rata ta` imgħax li tista` tkun inqas minn dik stipulata fl-Artikolu 1139.*

*Qabel daħal fis-seħħ l-Att XV tal-2012, ma kienx hemm il-proviso għas-subinċiż (2) li hemm illum."*

*63. Il-Qorti tosserva illi, abbażi tat-tgħalim kif fuq riprodott, il-fatt jekk l-intervenuti fil-kawża odjerna ser jiġux preġudikati b'mod irrimedjabbli jew le f'każ illi jseħħ il-leġitimazzjoni tal-atti, ma tirriżultax, stante illi l-intervenuti fil-kawża għandhom dritt ta' kreditu kontra l-eredità', a differenza tar-rikorrenti, illi għandha dritt ta' propjeta' kontra l-eredità, liema dritt tista' tiġi lilha preġudikata f'każ illi dak kkontemplat mill-intervenuti fil-kawża fl-eċċezzjonijiet tagħhom.*

*64. Għaldaqstant, it-tielet u raba' eċċezzjoni ma jimmeritawx illi jiġu milqugħa.*

*65. Dwar il-ħames eċċezzjoni, fejn l-intervenuti fil-kawża insistew illi hemm varji oġġetti illi ġew lilhom mħollija minn missierhom u li kienu għadhom jinsabu fil-propjeta illi ġiet imħollija b'legat lir-rikorrenti, r-rikorrenti stess aċċettat illi hemm varji oġġetti li ġew mgħoddija lill-*

*intervenuti fil-kawża b'titolu ta' prelegat li ma għandhomx jiġu inklużi fl-immissjoni tal-pussess tal-propjeta.*

*66. Għalhekk, l-eċċezzjoni kif redatta mill-intervenuti fil-kawża u aċċettata mir-rikorrenti stess, għandha tiġi aċċettata u milqugħa minn dina l-Qorti.*

*67. Dwar is-sitt eċċezzjoni, tali eċċezzjoni ġenerika qiegħda tiġi miċħuda stante illi ġie ppruvat illi t-talbiet attriċi huma fondati fil-fatt u fid-dritt."*

45. **L-ewwelnett jitqies li għalkemm** fil-każ odjern l-appellanti jittantaw jargumentaw illi l-Ewwel Qorti qieset li l-provi tal-kawża mressqa mill-intervenuti japplikaw għal din il-kawża, dan mhux minnu. Li qalet l-Ewwel Qorti fis-seduta tat-28 ta' Jannar 2020 kien:

*"Il-Qorti tosserva li fil-mori tad-differiment l-intervenuti fil-kawza prezentaw nota b'dokumenti u xhieda moghtija fi proceduri ohra.*

*Il-Qorti tiddikkjara li x-xhieda <u>prezentata permezz tan-nota</u> fuq imsemmija ghandha titqies bhala xhieda moghtija quddiem din il-Qorti filwaqt li tirriserva lill-partijiet jaghmlu l-kontro ezamijiet ta' tali xhieda jekk opportun. Tordna wkoll lill-partijiet sabiex sas-seduta li jmiss jindikaw jekk iridux jaghmlu l-kontro ezamijiet taghhom."*

46. Għaldaqstant l-Ewwel Qorti ma għamlet l-ebda ostakolu għaliha nnifisha biex tgħaddi għas-sentenza, kif donnu qed jittantaw jgħidu l-intervenuti.

47. Issa f'dan il-każ, kif argumentat l-attriċi stess, hi diġà qed tgawdi minn dan il-legat u permezz ta' din l-azzjoni hi qed titlob biss li formalment tiġi imessa fil-pussess tal-istess, għaldaqstant jitqies li l-attriċi ressqet l-azzjoni propizja sabiex tkun mmessa fil-pussess tal-legat imħolli lilha:

*"Mal-mewt tat-testatur il-proprjetà tal-legat pur u sempliċi tgħaddi għand il-legatarju u minn dak il-mument jitlaq id-dritt tiegħu li jitlob lill-*

*werriet il-pussess tal-ħaġa mħollija lilu b'legat (ara Artikolu 726(1) tal-Kodiċi Ċivili u Mario Testa et v. Rose Marie Testa deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-18 ta' Lulju, 2014).* (**ara Antoinette Debono vs Mario Vella,** deċiża mill-Qorti tal-Appell, diversament presjeduta nhar il-15 ta' Frar 2024)."

u

*"Illi f'sentenza ohra aktar ricenti fl-ismijiet "***Buhagiar John et vs Registratur tal-Qorti et***" (P.A. (N.C.) - 4 ta' Gunju 2004, jinghad illi "il-ligi tipprovdi li kull legat pur u semplici jaghti lill-legatarju d-dritt li jircievi l-haga mhollija lilu b'legat, izda ghalkemm il-proprjeta' tal-legat tghaddi mal-mewt tad-decujus favur il-legatarju, u anke ad insaputa tieghu, il-pussess tal-legat huwa trasferit lill-eredi 'per modum continuationis' u ghalhekk jehtieg it-talba tal-legatarju ghal pussess tal-legat. L-art 726 espressament jiddisponi li "il-legatarju ghandu jitlob lill-werriet il-pussess tal-haga mhollija b`legat. Fil-gurisprudenza l-importanza u l-portata ta' din l-immissjoni fil-pussess hija enfatika u pacifika." (Appell Civili* ***"Maurice Busuttil vs Joseph Meli****" 1998 Vol LXXX11.11.674).*

*...*

*Illi fl-ahharnett fil-kawza fl-ismijiet* ***"Borg Agnes vs Zammit Charles et"*** *(P.A. (TM) – deciza fl-20 ta' Mejju 2004), jinghad illi "il-fatt li l-legatarju jista' gja' jkollu l-pussess fiziku ta' wiehed mill-fondi ma jcahhdux mid-dritt li jitlob l-immissjoni fil-pussess formali, li trattandosi ta' hwejjeg immobbli trid issir b'att pubbliku. Inoltre l-fatt li saru diskussjonijiet bi skop li jintlahaq ftehim, ukoll ma jtellifx dan id-dritt. Il-fatt li xi wiehed mill-werrieta seta' ghamel xi xoghol fil-postijiet a spejjez tieghu, mhux relavanti ghall-fini ta' kawza fejn il-legatarju jitlob l-immissjoni fil-pussess u kwalunkwe xoghlijiet li setghu saru jekk saru, ma ghandux izomm il-legatarju milli jinghata l-pussess tal-legat." (***ara Paul Bonello nomine vs Julian Bonello**, deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (mhux appellata) nharit-12 ta' Mejju 2015)."

48. Jiġi osservat li ma hemm l-ebda provediment tal-liġi li jindika li legatarju għandu jistenna lil persuna li tgħid li għandha dritt għas-sehem riservat biex l-ewwel tressaq il-kawża tagħha qabel mal-legatarja tkun tista' titlob l-immissjoni fil-pussess. Dawn jistgħu jitressqu bħala azzjonijiet separati kif fil-fatt sar.

49. Il-kwistjoni tibqa' jekk allura l-fatt li l-intervenuti fil-kawża ressqu wkoll azzjoni min-naħa tagħhom għal-likwidazzjoni tas-sehem riservat, għandux iwassal li t-talbiet tal-attriċi jiġu mwarrba u dan minħabba l-proċeduri separatament imressqa mill-intervenuti.

50. Jitqies li wara l-emendi tal-2004, kif tindika l-ġurisprudenza, is-sehem riservat ingħata xejra ta' kreditu fuq il-patrimonju li jista' jiġi sodisfatt permezz ta' flus u ma baqax *pars bonorum* (**ara Helen Montebello et v. John Montebello et** deċiża nhar il-25 ta' Marzu 2021).

51. Issa relevanti għal din l-azzjoni huwa l-Artikolu 653 tal-Kodiċi Ċivili li jipprovdi:

> *"653.(1) Meta l-legat suġġett għat-tnaqqis ikun ta' ħaġa li minnha l-biċċa li taqbeż is-sehem li minnu t-testatur seta' jagħmel tista' tinfired bla xkiel u bla ħsara, it-tnaqqis isir bil-mezz ta' din il-firda.*
>
> *(2) Iżda, kemm-il darba din il-firda ma tkunx tista' ssir mingħajr xkiel u ħsara, il-legatarju jista', jekk irid, iħallas bi flus dak li jkun imissu jagħti lill-parti li tkun qiegħda titlob it-tnaqqis."*

52. Jiġi meqjus li f'każ li fil-kawża mressqa mill-intervenuti jiġi deċiż li ma hemmx biżżejjed assi biex jiġi sodisfatt il-ħlas tas-sehem riservat, u f'każ li dan l-appell jiġi miċħud, dan ma jfissirx li l-istess intervenuti ma jkollhomx dritt li jitolbu l-istess sehem riservat. F'każ li tali talba tkun milqugħa, huma ser ikollhom dritt kontra l-attriċi stess b'dan li l-attriċi tkun dovuta tħallas hi d-differenza fis-sehem riservat jekk ikun il-każ.

Għaldaqstant, ma tarax li din l-azzjoni għandha tiġi mwaqqfa u dan għaliex din il-Qorti tqis li l-liġi tagħti għodda lill-intervenuti biex jipproteġu l-interessi tagħhom. Dan l-aggravju qiegħed b'hekk jiġi miċħud.

53. Permezz **tar-raba' aggravju**, l-intervenuti jissottomettu li *stante* li ġiet milqugħa eċċezzjoni waħda, dawk l-ispejjeż kellhom jiġu mgħobbija lill-attriċi. *In oltre* la huma intervenuti u ġew appuntati kuraturi, l-ispejjeż għandhom ikunu kontra l-eredità u mhux kontrihom. *In oltre* dawn il-proċeduri saru biss għaliex irrinunzjaw għall-wirt u ma għandhom l-ebda obbligu ulterjuri. Lanqas l-attriċi ma kellha intenzjoni takkolla l-ispejjeż lilhom iżda lill-eredità.

54. Din il-Qorti tqis li għalkemm huwa minnu li l-intervenuti ressqu diversi eċċezzjonijiet għaliex l-attriċi ma għandhiex tiġi mmessa fil-pussess, fl-aħħar mill-aħħar hija l-eredità ta' Joseph Borg li trid timmetti fil-pussess lill-attriċi. Għaldaqstant sejra tilqa' dan l-aggravju u tqis li l-ispejjeż tal-ewwel istanza jiġu sopportati mill-eredità ta' Joseph Borg, ħlief dawk tal-intervenuti fil-kawża li għandhom iġorru l-ispejjeż tagħhom.

***Appell tal-Kuraturi Deputati***

55. Permezz tal-**ewwel aggravju** l-kuraturi jargumentaw illi l-Ewwel Qorti messha laqgħet it-talba tal-intervenuti fil-kawża sabiex tistenna l-

eżitu tal-kawża Nikolai Borg et v. Dr Simon Micallef Stafrace et noe (Rikors Ġuramentat Nru 796/2016) qabel ma għaddiet għas-sentenza.

56. Permezz tat-**tieni aggravju** l-kuraturi jargumentaw illi l-Ewwel Qorti għamlet apprezzament żbaljat tal-liġi li kellu jwassal sabiex jiġu miċħuda t-talbiet attriċi.

57. Kontestwalment jargumentaw illi l-kawża mressqa mill-intervenuti f'din il-kawża, għandha proċeduralment tirbaħ fuq il-kawża odjerna u dan għaliex il-kawża mressqa mill-intervenuti hi intiża sabiex tistabbilixxi u tillikwida l-wirt tad-defunt Joseph Borg, billi jiġi ddikjarat konsistenti fil-beni u s-sustanzi illi jirriżultaw tul il-kors tal-proċeduri u saret talba wkoll sabiex jekk jirriżulta li saru dispożizzjonijiet u donazzjonijiet f'ħajjet id-defunt, li jaqbżu s-sehem li minnu seta' jagħmel l-istess defunt, jiġi ordnat li dawn jitnaqqsu sa dak is-sehem skont il-liġi. Dan ifisser li jista' jitnaqqas il-legat mertu ta' din il-kawża u huwa għalhekk aktar loġiku li din il-kawża tistenna l-eżitu ta' dik il-kawża.

58. Ir-raġunament hu li jekk iseħħ dak prospettat mill-intervenuti fil-kawża mressqa minnhom, allura l-eżerċizzju mertu ta' din il-kawża huwa monk. Jekk issir immissjoni fil-pussess, il-konsegwenza naturali huwa li jsir mandat ta' inibizzjoni kontra l-appellata Marina Ciarlo sabiex ma tiddisponix minn dak mħolli lilha permezz tal-immissjoni fil-pussess.

Għalhekk kien jagħmel sens li l-ewwel jiġi stabbilit il-massa testamentarja *in toto* u wara jiġi maħdum is-sehem dovut lil intervenuti. Dan kien iwassal sabiex issir likwidazzjoni ta' dak dovut u jekk il-legat mertu ta' din il-kawża appellata għandhiex tintmiss ai finijiet tal-liġi. Jargumentaw li l-argumenti magħmula mill-Qorti kellu jsir bil-kuntrarju u dan għaliex l-attriċi kellha tistenna l-eżitu tal-kawża mressqa mill-intervenuti.

59. L**-attriċi twieġeb** li l-appell huwa frivolu u vessatorju u li l-Ewwel Qorti kienet korretta. Tispjega li għalkemm tressaq appell mis-sentenza, id-deċiżjoni tal-Ewwel Qorti sabiex tibqa' għaddejja bil-kawża ngħatat wara li ġew intavolati żewġ rikorsi mill-intervenuti nhar il-31 ta' Ottubru 2016 u l-15 ta' Novembru 2017. Tisħaq li mhux qed jiġi indikat li qed isir appell *ai termini* tal-Artikolu 229(1) tal-Kapitolu 12 u b'hekk l-aggravju għandu jiġi miċħud. Madankollu din il-kwistjoni diġà ġiet indirizzata mill-Ewwel Qorti u dak iż-żmien il-kuraturi deputati ma ressqu l-ebda tweġiba għar-rikorsi.

60. Targumenta li dawk ir-rikorsi saru biex tinħoloq konfużjoni bejn in-natura legali taż-żewġ kawżi, din u dik imressqa mill-intervenuti. Iż-żewġ kawżi huma distinti u l-interess ġuridiku tal-attriċi mhux l-istess għaż-żewġ kawżi. Il-kawżi huma indipendenti minn xulxin, *stante* li l-azzjoni odjerna titratta l-immissjoni fil-pussess hija dritt immedjat tal-legatarju dwar pussess ta' proprjetà filwaqt li l-jedd tal-leġittimarju għall-porzjon

riservat huwa wieħed ta' kreditu kif jitnissel mill-Artikolu 615(2) tal-Kapitolu 16 u l-argument li l-leġittimarju għandu biss kreditu tal-valur tas-sehem riservat kontra l-beni tal-mejjet ġie abbraċċjat mill-qrati tagħna. Hija l-attriċi li ser issofri preġudizzju peress li tkun f'impossibilità li tiġi mmessa fil-pussess ta' dak debitament mħolli lilha permezz ta' legat stipulat f'testment li l-validità tiegħu qatt ma ġiet attakkata.

61. Fir-rigward tat-tieni aggravju targumenta li mhux ċar liema liġi ġiet interpretata b'mod żbaljat. Targumenta li huwa ċar u inekwivoku mill-Liġi nnifisha li l-jedd tal-esponenti appellanti li tiġi mmessa fil-pussess tal-mezzanin ġewwa s-Swieqi, kien jeżisti mill-mument tal-mewt tad-*decujus* Joseph Borg. L-Ewwel Qorti qatt ma setgħet tesprimi ruħha fuq il-kwistjoni tas-sehem riservat għaliex kienet marbuta li tiddeċiedi fuq it-talbiet miġjuba quddiemha u dan kif inhu stabbilit. Tinsisti li d-drittijiet tagħha huma indipendenti minn dawk tal-intervenuti.

62. **Din il-Qorti tqis li l-appell tal-konvenut jibni fuq it-tielet aggravju tal-intervenuti fil-kawża sabiex l-azzjoni odjerna tiġi sopraseduta sakemm tiġi konkluża l-kawża tal-intervenuti fil-kawża. Kif diġà qieset din il-Qorti ma tarax li dan huwa neċessarju. Dan l-appell qed jiġi miċħud**.

**Decide**

63. Għal dawn il-motivi l-Qorti tiddisponi mill-appelli billi:

i. tilqa' parzjalment l-aggravju fl-appell tal-intervenuti fir-rigward tal-ispejjeż tal-Ewwel Qorti, b'dan li l-ispejjeż għandhom ikunu a kariku tal-eredità ġjaċenti ħlief għall-dawk tal-intervenuti li għandhom ikunu a kariku tal-istess intervenuti;

ii. tiċħad il-kumplament tal-appell tal-intervenuti;

iii. spejjeż tal-appell tal-intervenuti jinqasmu 80% a kariku tal-intervenuti u 20% a kariku tal-eredità ġjaċenti;

iv. tiċħad l-appell tal-kuraturi deputati bl-ispejjeż kontra l-eredità ġjaċenti;

v. tikkonferma s-sentenza tal-Ewwel Qorti kif kompattibli ma' din id-*decide*.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Anthony Ellul<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
da